Malti mhux influwenzi feniċi jew puniċi, iżda oħrajn ġejjin minn dinja eqreb u inqas qadima fi Sqallija, u minn popli oħrajn li jnsabu fil-Mediterran.

"Tassew ta' siwi huwa l-'preambolu' li fih naqraw sintesi ta' l-istorja ta' l-istudji li saru fuq il-Folklore Malti, mibnijin fuq elementi u rakkonti ta' vjaġġaturi jew ta' storiċi mifruxa mis-sekli Sbatax u Tmintax sa żmienna. L-importanza ta' din id-dokumentazzjoni hija bil-wisq ikbar milli wieħed jista' jaħseb mad-daqqa t'għajn.

"Għal dak li hu bini tal-ħrejjef xtaqna kieku li Cremona nqeda iktar bit-**Types of the Folktale** ta' Aarne-Thompson u bil-**Motif Index of Folk-Literature** ta' Smith Thompson".

Il-kliem ta' Toschi jagħmel ġieh lill-kittieb tagħna u juri kemm huwa importanti l-istudju tal-folklore Malti fuq l-isfond usa' tal-folklore tal-Mediterran. Me a u jekk għad ikollna studjużi oħrajn lesti biex jiddedikaw irwieħhom għall-ġbir u tgħarbil tal-ħrejjef ta' niesna, inkunu nistgħu wkoll nikklassifikaw il-motivi u t-tipi tagħhom, kif qal Toschi, skond sistemi internazzjonali li fuqhom qed jitmexxa l-istudju tal-ħrejjef illum. Imma xogħol bħal dan irid isir bil-għajnuna ta' ħafna studenti, u b'inkoraġġiment materjali ta' istituzzjonijiet kbar jew ta' universitajiet, kif sar barra. Forsi jkun jista' jinbeda jekk, mal-ftuħ tal-mużew etnografiku fl-Imdina, imwieġħed mill-Gvern u mixtieq minn bosta, ikun hemm ukoll staff imħarreġ biżżejjed li għandu l-ħila jidħol għal xogħol bħal dan.

Ġ.C.P.

Dwar l-Istampa tad-Dizzjunarju Bijo-Bibljografiku:

Ħarġu l-ittri M. N. O. P. Q. tad-"**DIZZJUNARJU BIJO-BIBLJOGRAFIKU**" tas-Sur Robert Mifsud Bonnici, u ħadna pjaċir li issa l-pubblikazzjoni ta' dan id-dizzjunarju tant meħtieġ donnha tqanqlet. Nittamaw li tibqa' miexja 'l quddiem sakemm tasal fl-aħħar ittra u hekk ikollna opra tant utli u tant mixtieqa minn kulmin jinteressa ruħu f'pajjiżna u fil-pajżani Maltin li għamlu ġieh lill-art twelidhom.

KOTBA LI RCEVEJNA

IR-RUŻARJU — Editur P. Val. V. Barbara, O.P.
Settembru — Ottubru, 1967, Vol. 19, No. 5.
Novembru — Diċembru, 1967, Vol. 19, No. 6.
Jannar — Frar, 1968, Vol. 20, No. 1.

	faċċ.
A.C.	
Ismijiet ta' Dwieli u Għeneb	22, 54, 88
Il-Mewt ta' Laurent Ropa	35
Abela, Rev. G.	
Lil Malta	105
Nawfraġju	110
Agius Muscat, Anton	
Riccarda Borg Fernandez	52
Apap, Victor	
Il-Fanfarun	7
Il-Ġenju	53
L-Imħallef	59
Attard, Emmle.	
U Paċi fl-Art	17
Dalma	21
Barbara, Patri Val., O.P.	
Lill-Kruha	8
Ittra tar-Rev.du Patri Ġenerali lill-W.R.P. Seraf'n M. Zarb, O.P.	9
Ħobż	11
Ħbiberija	84
Biancardi, Nikol	
Ittra tal-Prof. L. Sutcliffe, S.J.	55
Borg Fernandez, Riccarda	
Il-Fjur Tiegħi	53
Buhagiar, Spiro	
Malta Tibki	57
Cachia, Pawlu	
Bejn l-Aħħar u l-Ewwel tas-Sena	5
Mewt u Ħajja	71
Il-Kelb tas-Sur Manifk	117
Cardona, Ġużè, B.A.(Hons.), M.A.	
Lil Dun Mikiel Zammit	11
Lill-P. Ġużeppi Delia, S.J.	121
Cassola, Albert M., F.I.L., O.S.J.	
Id-Dmir	48
Zoo	90
Il-Filosofija fil-Ħanut tal-Kafè	99
Coleiro, Charles	
Idealiżmu	4
Ċinerama	78
Cremona, Ant., D.Litt.	
Minn Betlehem għall-Kalvarju	12, 42, 67
Editur	
L-Anniversarji ta' Nies Kbar	3
Nifirħu	18, 91
Spirtu Ekumeniku	33
Il-Moderniżmu fl-Arti	65
L-Università fil-Post Ġdid	97